**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel. Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 14 ta' Ottubru, 2015

Rikors Nru : 279/15 AL

**QB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi huwa zzewweg lill-intimata fil-hamsa (5) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) – (Certifikat taz-zwieg anness u markat Dokument 'A');

Illi l-partijiet xoljew u illikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u resqu ghas-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt ppubblikat in atti Nutar Dottor Vanessa Buttigieg fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) (kopja annessa u markata Dokument 'B');

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel, XX, li twieled fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010), u l-manteniment dovut ghalih qed jithallas regolarment mir-rikorrent;

Illi l-partijiet iddekadew reciprokament mid-dritt rispettiv taghhom illi jitolbu jew jircievu l-manteniment minghand xulxin;

Illi sal-lum ghaddew aktar minn erba' (4) snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Ili ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tiddikjara li z-zwieg tieghu mal-intimata Nadine Darmanin bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti dina il-Qorti;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha ikkonfermat li l-kontendenti zzewwgu fil-5 ta' Dicembru 2003 u sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Vanessa Buttigieg fit-23 ta' Lulju, 2013;

Illi filwaqt li l-esponenti m'ghandhiex oggezzjoni ghall-proceduri ta' divorzju, hija tirrileva li bejn l-kontendenti hemm kwistjoni pendenti rigwardanti xi spejjez relattivi ghall-minuri Neo Darmanin, liema spejjez ir-rikorrenti naqas li jirrifondi lill-esponenti u dan bi ksur tad-disposizzjonijiet relattivi fil-kuntratt ta' separazzjoni fuq citat, u dan kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tar-rikors fl-ismijiet premessi;

Illi ghalhekk ai termini ta' kazistika recenti u ai termini tal-Ligi, ma jistax jigi ppronunzjat id-divorzju jew il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, diment li ma jsirx il-hlas kollu dovut mir-rikorrenti bhala

spejjez tal-Minuri, liema spejjez huma nkorporati fit-terminu *manteniment* ai termini tal-Ligi;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Lulju, 2015;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi waqt is-seduta tat-8 ta' Ottubru 2015 l-intimata, debitament assistita, infurmat lill-Qorti li kienet qeghda tirtira l-oggezzjoni taghha ghad-divorzju peress illi r-rikorrenti kien hallasha l-ispejjez kollha msemmija fir-risposta guramentata taghha tas-27 ta' Awwissu 2015.

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-23 ta Lulju 2013, izda de facto separati  mis-sena 2010;

Illi l-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.